# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**<u>Decizjoni Preliminari Numru 2288</u>**

Kaz Nru.: 3176/YMS

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn:-

Richard Charles Manning
(UK Passport 208825317)

vs

Wheels Yachting Ltd (C34675) u b'digriet datat
14/04/2014 ghandu jigi sostitwit bl-isem Wheels Yachting Limited

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**<u>Chairperson: Avv. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit</u>**

Illum it-Tnejn 9 ta' Gunju, 2014.

**It-TRIBUNAL**

I PRELIMINARI

1. Dan ir-Rikors, minn Richard Charles Manning, Chief Engineer fuq l-M/Y Wheels hu dwar ir-rizenja mill-impieg moghtija minnu fit-30 t'Ottubru, 2013, u li hu jirritjieni bhala li hu kaz ta' "constructive dismissal". Ir-Rikorrent jghid li hu gie deprivat milli jahdem in-"notice" jew li jippercepixxi hlas minfloku. Imbaghad ir-Rikorent jghaddi biex <u>jitlob</u> li dan it-TRIBUNAL jiddeciedi li fil-konfront tieghu "sehhet tkeccija ngusta meta gie kostrett jirrizenja ("constructive dismissal") u/jew tkeccija ngusta meta gie mwaqqaf milli jahdem in-"notice" u dan b'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lilu".

2. Illi da parti tas-Socjeta' Ntimata tressqet fl-ewwel lok <u>eccezzjoni preliminari</u> li tirrigwarda l-Gurisdizzjoni ta' dana t-TRIBUNAL. Din hi motivata hekk: ir-Rikorrent kien ingaggat bhala "bahri" fuq bastiment kummercjali u li jbahhar barra minn Malta u ghaldaqstant il-provvedimenti tal-Kap 452 rigward it-temm tal-impieg li fuqhom huma bbazati l-ilmenti tar-Rikorrent huma eskluzi permezz tal-art 39 tal-Kap 452. Izid jinghad li skond art 75 tal-Kap 452 it-TRIBUNAL ghandu jkollu Gurisdizzjoni biss fuq kazijiet kollha li jirrigwardaw "tkeccija ngusta" kif definit fil-Kap 452, liema definizzjoni ta' "tkeccija ngusta" teskludi "tkeccijiet" mill-impieg taht ligijiet ohra bhal Att Dwar il-Bastimenti Merkanti.

II PROVI

1. **Anthony Fiorini** xehed u esebixxa d-Dok TF1 sa 3 li huma hekk:-

Dok TF1: Kopja ta' *Certificate of Malta Registry* dwar bastiment bl-isem WHEELS deskritt bhala *Commercial Yacht, twin screw* u b'makni: *two internal combustion diesel*. Jinghataw dettalji ohra.

Dok TF2: Kopja ta' Passaport mahrug mill-United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland fuq isem Richard Charles Manning, *British Citizen* 20.02.08 – 20.05.18

Dok TF3: Jindika lil "Valletta" bhala l-*Port of Registry*" tal-M/Y Wheels u jikkonsisti fi *Crew List* ta' 8 persuni, l-ewwel il-kapitan Darren Walsh segwit minn C. Engineer Richard Manning datat 04.10.13.

2. Ix-xhud qal li hu l-*Accountant* tal-kumpanija. Ir-Rikorrent kien impjegat bhala *Chief Engineer* fuq il-Yacht imsemmi. Dan is-*super* Yacht jintuza ghal *charters* lill-kumpaniji strangieri u bazikament jopera f'ibhra nternazzjonali. Jigi mikri lil "high end clients" li jkunu esigenti li jkollhom sew "pre-booking" kif ukoll fuq "short term". Skond taghrif li ghandhom ir-Rikorrent hu residenti fil-UK. Ebda membru tal-ekwipagg tal-Yacht mhu Malti. Id-Dok TF 3 kien l-ahhar rapport tax-xorta tieghu li pprezentaw lill-Awtoritajiet Maltin.

3. In kontro-ezami qal li meta r-Rikorrent tkecca (*was fired*) mill-impieg il-Yacht kien Malta fuq xoghol ta' manutenzjoni.

4. Min-naha tas-Socjeta' Ntimata gie esibit ukoll, bhala Dok WY2, il-kuntratt tal-ingagg datat 18.10.12.

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL jikkunsidra kif gej:-

1. L-ewwelnett min-naha tar-Rikorrent ma ngiebu ebda provi. Ghandna biss ix-xhieda ta' Tony Fiorini min-naha tas-Socjeta' Ntimata u dokumenti esibiti minn din.

2. Skond il-kuntratt tal-ingagg datat 18.10.12 ir-Rikorrent gie ngaggat bhala Chief Enginier fuq il-Yacht WHEELS bl-impieg jibda minn dak il-jum f'Porto San Stefano. *Inter alia* fil-kuntratt hemm li sar ghal perjodu ndefinit bl-ewwel sitt xhur ikunu "probationary". Taht "Geographical Area of Employment" insibu: *the contract covers voyages and/or time spent in port anywhere throughout the world.*

3. Hemm imbaghad specifikat x'inhuma d-dmirijiet tal-impjegat, dwar dixxiplina u "Code of Conduct", cirkostanzi li fihom jintemm l-impieg u xi jwassal ghal "immediate dismissal", tmiem tal-impieg min-naha tal-impjegat, ripatrijazzjoni u aspetti specifici ohra tal-impieg. Dak li nghad hawn hu bhala ndikazzjoni generali u b'ebda mod mhu ezami dettaljat, liema ezami anqas wara kollox mhu mehtieg ghan-natura partikolarit ghall-eccezzjoni preliminari li qed tigi trattata.

4. It-TRIBUNAL ihoss li ghandu josserva li r-Rikorrent kien abbord bhala membru shih tal-ekwipagg u ma kienx il-kaz, nghidu ahna, ta' haddiem li ngieb mill-art f'Malta biex jaghmel xi xoghol abbord waqt li l-*yacht* kien fil-port.

5. Waqt li qed jaghrbel dan il-kaz it-TRIBUNAL ma naqasx li jiehu konjizzjoni ta' zewg gudikati, jigifieri Cit. 774/2009/JZMc Karmenu Vella vs GWU deciz fit-30.09.2010 u Cit. 1029/10/GC Dr. Katia Psaila Savona noe vs Lyubov Orlova Shipping Company deciz, in kontumacja tas-Socjeta' konvenuta fit-12.10.2012.

6. Naturalment il-kwistjoni kollha hawn hi jekk il-kaz ghandux jigi regolat mill-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 234) jew l-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452). Dwar il-Kap 234 hemm il-Gurisdizzjoni tal-Qorti Civili u mhux ta' dan it-TRIBUNAL.

7. Fl-art 2 tal-Kap 234 insibu li "bahri" tinkludi kull persuna (barra minn kaptan, bdoti u apprendisti) impjegati jew imqabbdin fi kwalunkwe kariga abbord ta' bastiment. Bastiment imbaghad ifisser kull xorta ta' bicca tal-bahar li tintuza fin-navigazzjoni ecc. Fil-kas ta' WHEEL dan hu deskritt bhala "Commercial Yacht" (Dok TF1)

8. Irid hawn jitqies ukoll li ghandna kaz ta' inginier li temm l-impieg tieghu hu u hu jqis dan bhala "constructive dismissal" jigifieri li l-*employer* (hawn *kaptan*) irrendielu l-pozizzjoni tieghu tant impossibbli li "telaq flok tkecca" u li jamonta, skond ir-Rikorrent, daqslikieku tkecca. L-art 147 tal-Kap 234 jittratta specifikatament xi kwistjoni li tinqala bejn sid jew kaptan ta' bastiment u bahri u tghid x'setgha ghandha l-Qorti fir-rigward u dana fil-kuntest ta' u b'zieda ghal kull gurisdizzjoni ohra li l-Qorti tista tezercita. Dak l-Att jirregola l-aspetti kollha tal-impieg tal-"bahri".

IV DECIZJONI

Meta jqis kollox u gwidat specjalment mis-sentenza tal-Qorti Civili Cit 774/09 imsemmija fil-para 5 *supra* **jiddeciedi** billi **jilqa'** l-eccezzjoni preliminari hawn trattata u jiddikjara li dan il-kaz ma jaqax fil-Gurisdizzjoni tieghu.

Ghall-finijiet ta' taxxa u drittijiet it-TRIBUNAL INDUSTRIJALI jiffissa s-somma ta' tlieta u disghin Ewro u sbatax il-centezmu (€93.17c).

(Iffirmat)
Avv. Yana Micallef Stafrace
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**